MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 2112/2004

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Francis Rosary Bezzina (ID:717843) sija bil-polza u sija bil- ligi**

**Vs**

**Venera Magro (ID:201378M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta Novembru 2004 fejn intalab li l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' seba mija u hmistax il-lira u sebghin centezmu (Lm715.70) rapprezentanti danni kkagonati f'incident stradali li sehh fil-5 ta Dicembru 2003 fi triq l-Avvjazzjoni Gudja bejn il-vettura numru GAH 589 misjuqa mill-konvenuta u l-vettura numru PLT 373 misjuqa minn Mario Bezzina assikurat mas-socjeta attrici

taht polza comprehensive ghal liema incident kienet unikament responsabbli l-istess konvenuta.
Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata 6 ta Lulju 2004 u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta l-istess ittra ufficcjali kontra l-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenuta datata 4 ta Jannar 2005 fejn giet kontestata t-talba attrici peress illi kien l-istess assikrat tas-socjeta attrici unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni oltre li talbet li ssir il-
prova tad-danni.

Ezamina x-xhieda u d-dokumenti esebit.

Sema t-trattazzjoni orali tal-istess konsulenti legali tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi l-kaz in ezami jikkoncerna kollizjoni li sehhet fil-vicinanzi tar-roundabout li hemm qabel ma tasal ghall-entratura tal-Malta International Airport.

Iz-zewg vetturi kienu gejjin mid-direzzjoni ta Hal Luqa, l-assikurat fuq il-lane ta barra biswit ic-centre strip u sussegwentement mar-roundabout u l-konvenuta fil-lane tan-nofs. L-assikurat tal-attur ighid li huwa ried jigbed bid-dritt lejn Hal Far u l-konvenuta tghid li riedet iddur lejn il-lemin biex taqbad it-trieq lejn iz-Zurrieq. Skond il-verzjoni moghtija lill-pulizija a fol 17 tal-process, l-assikurat gie rappurtat ighid li l-konvenuta laqtitu meta huwa kien gia mexa ‘l hinn mill-give way sign u kien gia nofsu fit-trieq id-dritta fejn kellu kull intenzjoni li jibqa jipprosegwi go fiha filwaqt li l-konvenuta tallega li hija kienet quddiem l-assikurat fil-lane tan-nofs bl-indicator mixghul biex iddur fuq il-lemin u l-assikurat dahal go fiha waqt li qed iddur fuq il-lemin.

It-Tribunal jinnota li mill-iskizz tal-pulizija esebit a fol 19 tal-process jirrizulta li l-vettura tal-assikurat kienet sew ‘il gewwa fit-trieq li taghti ghal Hal Far filwaqt li ghal xi raguni

il-vettura tal-konvenuta tinsab kollha kemm hi gewwa t-trieq ta Hal Far bid-dritt ghalkemm l-intenzjoni taghha kienet li ddur fuq il-lemin lejn iz-Zurrieq ghalkemm erronjament indikata bhala Zejtun. Jigi notat ukoll kemm mir-rapport u kif ukoll mir-ritratti esebiti li l-hsara sofferta fuq il-vettura tal-assikurat jinsabu maggorment fuq in-naha ta wara fuq il-gemb xellugi filwaqt li tal-konvenuta tinsab fuq quddiem fuq in-naha tal-lemin. Gie notat il-marka bis-salib “X” ikhal fejn gie ndikat il-punt tal-impatt fuq id-dokument esebit a fol 27 tal-process.

L-assikurat jikkonferma bil-gurament tieghu l-verzjoni li huwa ta lill-pulizija. Izid ighid li huwa dejjem kien u baqa fuq il-lane ta barra u qabel ma hass id-daqqa lill-konvenuta qatt ma kien raha. Mill-banda l-ohra il-konvenuta tikkonferma li hija kienet miexja fuq il-lane tan-nofs u f’dak il-hin kien hemm traffiku fuq iz-zewg nahat taghha. Kemm hi u kif ukoll l-assikurat qabdu r-roundabout flimkien u hi tghid li baqghet fil-lane tan-nofs ghalkemm riedet tigbed fuq il-lemin peress illi t-traffiku ma kienx jippermettilha tigbed ‘l hemm ghalkemm l-indicator taghha kien mixghul f’dik id-direzzjoni. Tghid li hija qalghet id-daqqa hi u qieghda ddur mar-roundabout u tghid li spiccat fit-trieq li taghti ghal Hal Far per konsegwenza tad-daqqa. In kontro-ezami l-konvenuta tfisser li hija rragunat b’mohha li l-assikurat kien gej minn warajha u mhux ‘il ghaliex hija fil-fatt ratu gej minn warajha.

Hija kredibbli t-trajjettorja allegatament esekwita mill-vettura tal-assikurat u cioe li huwa baqa jzomm bid-dritt dejjem fuq il-lane ta barra kemm qabel ma qabad ir-roundabout u kif ukoll wara hekk kif qabad it-trieq ta Hal Far liema vettura ghalhekk ma kellha bzonn taghmel ebda manuvra biex tibdel il-karreggjata mnejn kienet gejja u fejn kienet sejra. Mill-banda l-ohra jinsab ipprovat anke mix-xhieda tal-konvenuta stess li hi kien jinhtigielha taqsam minn karreggjata ghal ohra u fil-fatt kellha l-indicator taghha mixghul f’dan is-sens. Illi in vista ta tali manuvra kontemplata mill-konvenuta, hija kellha l-obbligu li toqghod ferm attenta li l-karreggjata fuq il-lemin taghha kienet kompletament libera mit-traffiku qabel ma tipprova tittenta tali manuvra. Il-fatt li sehh dan l-impatt fil-mument

meta hija kienet proprja qed tipponta biex iddur lejn il-lemin (ghalkemm ma tammettix li fil-fatt bdiet iddur) u l-post tal-hsarat fuq il-vetturi rispettivi huma ndikattivi ferm li l-konvenuta naqset li zzomm *a proper look out* waqt li qed tesekwixxi l-manuvra kontemplata.

Illi r-regoli tat-traffiku fuq roundabouts ghandhom rilevanza limitata fil-kaz odjern peress illi fl-ewwel lok l-impatt sehh sew wara li z-zewg vetturi kienu telqu mir-roundabout (vide skizz fejn spiccaw il-vetturi) u fit-tieni lok bl-stess argument sollevat mill-avukat tal-konvenuta iz-zewg vetturi se mai kienu qed javvicinaw ir-roundabout fuq il-lane zbaljata u cioe l-assikurat li ried jigbed pjuttost lejn ix-xellug u kien gej mill-lemin (ghalkemm it-trieq aktar tindika li huwa seta jibqa ghaddej dritt) filwaqt li l-konvenuta riedet iddur lejn il-lemin meta kienet gejja mill-karreggjata tax-xellug. Id-differenza bejniethom hi li filwaqt li l-assikurat seta jibqa fuq l-karreggjata mnejn kien gej u fejn kien sejjer, il-konvenuta riedet bilfors iddur lejn il-lemin u taqsam ghall-karreggjata ohra sabiex taghti effett ghal-intenzjoni taghha.

Illi jidher li l-valur tad-danni jinsabu ampjament ipprovati permezz tad-dokumenti esebiti oltre ghall-fatt li ma tresqet ebda prova kontrarja ghall-istess.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li l-konvenuta kienet unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni kwindi tichad l-eccezzjonijiet minnha sollevati, tilqa t-talbiet attrici kif dedotti u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma kif mitluba ta seba mija u hmistax-il lira sebghin centezmu (Lm715.70) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika b’dan l-avviz u bl-ispejjes legali ta dina l-istanza kif rikjesti ghandhom ikunu a kariku tal-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------